# Il-Baned Maltin: Ħoss awtentiku?

**Simon Farrugia**

*The Maltese are not very rich in native musical instruments; and in their choice seem to have preferred with the inhabitants of Arabia, such as are more noisy than the softer instruments of the Arabs of Northern Africa (Badger 1869: 107).*

Il-Maltin mhumiex għonja fi strumenti mużikali indiġeni; u fl-għażla tagħhom jidhru li jaqblu mal-abitanti tal-Arabja Sawdita, b'mod li jkunu aktar storbjużi minn strumenti tal-Għarab tal-Afrika tat-Tramuntana. (traduzzjoni tiegħi)

L-arċipelagu Malti jinsab fil-Baħar Mediterran u huwa wieħed mill-iżgħar u l-aktar pajjiżi densi u popolati fid-dinja. Kienu diversi popli li ħakmu lil Malta. Fl-1798, Napuljun Bonaparte ħa taħt idu lil Malta mill-Kavallieri fi triqtu lejn l-Eġittu. Il-preżenza tal-Franċiżi f'Malta ma damitx ħafna għaliex ftit wara, din il-gżira ġiet maħkuma mill-Ingliżi sa mill bidu tas-seklu dsatax, u damet sal-1964 (meta Malta ħadet l-Indipendenza).[1] Malta saret Repubblika fl-1974 u ssieħbet fl-Unjoni Ewropea f'Mejju tal-2004. Għalkemm hija gżira żgħira, il-kultura moderna f'Malta hija mżewqa b'diversi tradizzjonijiet; li huwa riżultat ta' fertilizzazzjoni ta' twemmin u użanzi meħuda minn sorsi konfliġġenti varji.

Il-mużika f'Malta hija waħda attiva u intriganti, anke meta wieħed jinnota organizzazzjonijiet ta' diversi festivals ta' ġeneri mużikali differenti matul is-sena kollha. Organizzazzjonijiet jinkludu kemm privati, kif ukoll statali bħall-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura. Bla dubju ta' xejn huma għexieren il-mużiċisti li jiddedikaw ħafna mill-enerġija tagħhom jipprattikaw u jdoqqu f'postijiet pubbliċi. Hija evidenti illi t-tradizzjoni tal-banda f'Malta hija waħda minn dawn l-attivitajiet li toħloq atmosfera festiva, mhux biss qalb il-Maltin iżda anke fost it-turisti li jkunu Malta waqt il-btala tagħhom.

Il-mużika hija ħajja, u tvarja minn post għall-ieħor matul iż-żminijiet. Jekk inħarsu lejn tribujiet li huma sotto żviluppati, in-nies jirnexxilhom jiżfnu u jkantaw b'metru jew stil differenti.[2] Għalkemm tidher li hija attività mużikali impossibbli, in-natura tiġġieled l-impossibbli u tagħti l-aċċess sabiex issir. Fil-fatt, ta' min jinnota illi l-mużika tiġi affettwata mis-soċjetà, mill-politika, mir-reliġjon u mill-ekonomija; li huma fost il-fatturi li jassistu biex jitħaddem mekkaniżmu li jwassal tibdil fl-istrumenti, fir-repertorju u fil-produzzjoni tal-mużika ħolistikament. Għalhekk joħroġ il-fatt illi l-mużika tinbidel maż-żmien. Din ir-riflessjoni wieħed jista' josservaha fil-fenomenu

tal-ħoss tal-baned Maltin għaliex il-mużika bandistika hija maħluqa mill-poplu għall-poplu stess. Iżda, aktar minn hekk, il-ħoss tal-baned f'Malta amalgama ħsejjes barranin, b'mod partikolari ta' dawk li ħakmu lil Malta. Ħsejjes barranin li ġew influwenzati minn popli mbiegħda minn Malta, bħal ngħidu aħna, dawk il-karattri mużikali Spanjoli u Ażjatiċi, li daħlu permezz ta' diversi recordings - b'mod partikolari bil-*long plays* wara l-1930.

Jidher illi diversi barranin li jiġu Malta jibqgħu mistagħġba bil-produzzjoni tal-ħoss maħluq mill-baned Maltin. Waqt diversi attivitajiet u laqgħat li kelli ma' persuni attivi fit-tradizzjoni tal-banda, kemm lokali u kemm minn diversi pajjiżi lil hinn minn Malta, sostnew illi l-ħoss tal-banda f'Malta huwa differenti minn kif jafuh huma. Fil-fatt l-iskop ta' din il-kitba qasira għandha tagħti riflessjoni żgħira ta' dawk l-elementi li jagħmlu l-ħoss tal-banda Maltija. Għalhekk, sabiex nagħrfu d-differenza fil-ħoss tal-baned f'Malta, wieħed għandu jindirizza avvenimenti storiċi flimkien ma' riflessjonijiet ta' diversi persuni attivi kemm mużikalment u anke dawk attivi li ilhom josservaw it-tradizzjoni tal-banda f'Malta għal diversi snin.

Il-widna mhux ta' kulħadd hija sintonizzata l-istess. Bosta huma r-raġunijiet ta' dan, fosthom insibu li l-kultura ta' kull pajjiż tvarja bir-riżultat li jvarja kemm il-livell kif ukoll l-apprezzament mużikali. Barranin li ġejjin mill-Ewropa tal-Punent bħall-Ingliżi, Ġermaniżi jew Skandinavi, għandhom stil bandistiku differenti minn dak Latin, bħal ngħidu aħna Spanjoli u Taljani.

Jekk nagħtu ħarsa lejn diversi baned ġewwa l-Ingilterra, wieħed jinnota li t-tradizzjoni bandistika hija qawwija ħafna. Fil-fatt waqt xi kunċert orkestrali fir-Royal Festival Hall, awtomatikament, it-tendenza tkun li tqabbel dak li tisma' hemm ma' dak li tisma' Malta, speċjalment jekk il-programm jinkludi biċċiet li tkun smajt fiż-żewġ lokalitajiet. Jista' jagħti l-każ li għat-turist Ingliż (u anke ta' xi pajjiżi oħra), il-ħoss tal-banda Maltija tissorprendihom xi ftit għax f'pajjiżhom imdorrijin l-aktar b'dawk li jissejħu 'brass bands' li huma magħmulin f'xelta standardizzata ta' strumenti tar-ram u perkussjoni.[3] Mill-banda l-oħra jekk Taljan ikun imdorri jisma' baned ta' rħula żgħar Sqallin, faċilment jista' jaħseb li l-ħoss tal-baned Maltin huwa aktar similari fil-ħoss ma' dak li jisma' fil-pajjiż fejn jgħix. Len Tyler, Alex Vella Gregory u Ray Sciberras ikkummentaw:[4]

> *The Maltese band marches' sound is quite distinctive and for me as a UK resident sound quite Mediterranean in character. From the occasional bands I have heard (many years ago) from Mediterranean countries the sound is similar but Maltese band marches do seem to have their own characteristic style. (Len Tyler)*
>
> Il-ħoss tal-marċi Maltin huma pjuttost distinti u għalija, bħala residenti tar-Renju Unit, pjuttost jinstema' ta' natura Mediterranja. Baned li smajt (ħafna snin ilu) mill-pajjiżi Mediterranji huma simili iżda l-marċi Maltin jidhru li għandhom l-istil karatteristiku tagħhom stess. (traduzzjoni tiegħi)
>
> Ħadd ma jisma' l-banda l-istess. Kulħadd imdorri bi ħsejjes u kulturi differenti.

Jekk forsi wieħed hu midħla tal-baned militari Ingliżi żgur li ħa jsib il-ħoss tal-banda Maltija xi ftit jew wisq aħrax. Dan għaliex il-ħoss tal-banda jinbidel skont l-użu tagħha. Anke fil-kuntest Malti, il-ħoss tal-banda jinbidel – il-banda li ddoqq programm hi differenti minn dik brijuża tat-triq. Li huwa żgur li l-ħoss Malti huwa wieħed awtentiku li l-barranin ifittxu. Niżbaljaw jekk naħsbu li l-barrani jrid jisma' u jara affarijiet li mdorri bihom - anzi pjuttost bil-kontra. Il-barrani jiġi hawn biex jgħix il-kultura Maltija fit-totalità tagħha. (Alex Vella Gregory)

Frankament ma naħsibx li jeżisti ħoss Malti. Għal ħafna snin il-baned tagħna kienu ffurmati fuq il-mudell tal-banda Taljana. Dan għen biex il-banda tagħna taddotta ħoss Taljanizzat. Però maż-żmien, bl-użu ta' strumenti aktar moderni u siltiet mużikali ġodda dan il-ħoss inbidel u sar aktar Ingliż. (Ray Sciberras)



L-Awtur (lemin) wara waħda mill-intervisti mal-Kompożitur Malti Raymond Sciberras (xellug)

Il-ħin huwa l-progress kontinwu indefinit ta' eżistenza u avvenimenti li jseħħu wara xulxin, irriversibbli mill-passat permezz tal-preżent għall-futur.[5] Dan il-progress kontinwu narawh fit-tradizzjoni tal-baned f'Malta, fejn insibu illi l-kompożituri li taw kontribut lill-baned f'Malta, aġixxew skont iż-żmien li fih qegħdin jgħixu - u għalhekk, il-kompożitur kellu jadatta anke fi żminijiet fejn Malta kienet maħkuma. Fost id-diversi popli li ħakmu lil Malta nsibu lill-Ingliżi u lit-Taljani li bl-attivitajiet tagħhom ħallew influwenza fl-istrumentazzjoni bandistika, fir-repertorju u anke fil-mod kif jitmexxew il-każini tal-baned f'Malta.

It-twaqqif u l-iżvilupp tal-baned Maltin fis-seklu dsatax huma magħġuna miż-żewġ komponenti li ddominaw il-mixja politika ta' Malta: il-kolonjaliżmu Ingliż u l-kultura tradizzjonalament Taljana ta' Malta. Il-kolonjaliżmu Ingliż jirriżulta fl-eżempju u d-direzzjoni li taw il-baned militari Ingliżi li kien hawn f'Malta sa mill-bidu tal-ħakma Ingliża. Il-konnessjoni mal-kultura Taljana toħroġ mill-preżenza matul ir-risorgimento ta' numru ta' refuġjati Taljani li riedu jxerrdu f'Malta mhux biss l-ideat politiċi imma wkoll l-edukazzjoni u l-kultura tagħhom. Joe Vella Bondin iddiskriva li:

> Dawn għenu biex tidħol drawwa li kien hemm fi Sqallija – dik li l-qaddisin jiffesteġġjawhom bid-daqq ta' baned organizzati f'każini. (Joseph Vella Bondin)

Il-ħoss tal-baned li eżistew qabel l-1860, il-formati tal-baned kienu dawk ballabbli. Fil-bidu l-baned kienu jimitaw ħafna lil diversi baned Taljani u Sqallin.

Huwa importanti ħafna li nikkunsidraw li l-baned Maltin jiġu identifikati taħt idea artistika ta' skola Taljana; jiġifieri ma' baned ċivili u li huma magħmulin għall-poplu mill-poplu. Jidher ċar ħafna illi mill-bidu tas-snin għoxrin sal-aħħar tat-tletinijiet, il-banda Maltija ħadet xejra differenti. Jekk inħarsu lejn il-Banda Filarmonika La Vallette, din investiet f'somom kbar ta' flus sabiex ġabet l-aqwa esponent u espert fil-mużika bandistika Alessandro Vessella (ara Figura 1). Dan irriforma l-ħoss tal-banda Maltija b'introduzzjoni ta' ħafna strumenti ġodda, fosthom is-saksafoni u d-distinzjoni bejn ir-ram dolċi (ħoss likwidu tas-sezzjoni sħiħa ta' furni u Flikurni) u r-ram ta' timbru iktar aħrax (trombi u trumbuni eċċ.). Dawn il-bidliet kbar u fil-qofol tal-ħoss, Vessella kompla jenfasizza fuq dak li kull banda kellha tagħmel: iddoqq arranġamenti addattati għan-numru u l-varjetà ta' strumenti li għandha.



*Alessandro Vessella (1860-1929)*[6]

Fost dawn it-Taljani nsibu diversi surmastrijiet li komplew jassistu fil-formazzjoni tal-baned f'Malta.[7] Uħud minn dawn kienu intellettwali, ġurnalisti, u kittieba li bl-għarfien tagħhom ikkontribwew għall-kultura lokali, speċjalment fl-oqsma tal-letteratura u l-mużika. L-influwenza li kellhom is-surmastrijiet Taljani mhux biss affettwaw il-baned taż-żminijiet tagħhom, iżda wkoll talli preżentament, diversi kompożizzjonijiet li jinħolqu kull sena minn diversi kompożituri lokali għadhom jinkludu ħsejjes li fil-passat ħallew dawk li ħakmu lil Malta. Jekk wieħed jinnota sew jinduna illi l-ħoss tal-banda Maltija jersaq ħafna lejn il-ħoss tal-baned Sqallin. Fil-biċċa l-kbira l-baned ġewwa Sqallija mhumiex numerużi (fin-numru ta' bandisti) daqs dawk ta' Malta. Fl-istess waqt, f'diversi intervisti li għamilt, kienu diversi li nnotaw illi l-ħoss tal-baned Sqallin huma xi ftit aħjar għax jużaw l-istrumentazzjoni kompleta. Fost il-karattri mużikali li ħallew it-Taljani f'Malta hija dik ta' attenzjoni lejn il-melodija. Din għadna narawha sal-lum il-ġurnata fejn issib delettanti tal-banda fejn jikkumentaw illi "jekk marċ m'għandux melodija allura mhux tajjeb u mhux se jirnexxi".

F'diversi partituri, wieħed jinnota strumentazzjoni ta' diversi marċi lejn nofs is-seklu dsatax li llum il-ġurnata m'għadhomx jintużaw. Il-baned Maltin, lejn nofs is-seklu dsatax, kienu jinkludu strumentazzjoni vasta, fejn kienu jintużaw strumenti sabiex l-armonija tkun sinjura. It-tieni figura tippreżenta eżempju ta' strumenti li kienu jintużaw matul dawn is-snin li qegħdin nitkellmu dwarhom. Min-naħa l-oħra, it-tielet figura tirrifletti l-kuntrarju tal-ewwel waħda fejn l-ammont ta' strumenti użati lejn l-aħħar tas-seklu għoxrin huwa ħafna inqas. Joħroġ il-fatt illi l-ħoss tal-baned Maltin jinstema' differenti minħabba li ħafna drabi ma jintużawx l-istrumenti kollha tal-banda. Peter Paul Ciantar u Andrew Coleiro indikaw illi:

> Illum il-ġurnata l-baned tagħna saru lixxi (klarinetti, trumbetti eċċ.) u mhux il-familja tas-sezzjoni kompleta. B'hekk il-baned tagħna mużikalment jinħassu vojta, għax ma hemmx l-istrumentatura kompleta. (Peter Paul Ciantar)

1º Flauto e Ottavino
2º Flauto
Oboe
Clarinetto Piccolo in La. b
1º Clarinetto Piccolo in Mi. b
2º Clarinetto Soprano in Mi. b
1º Clarinetto Soprano in Si. b
2º Clarinetto Soprano in Si. b
1º Clarinetto Contralto in Mi. b
2º Clarinetto Contralto in Mi. b
Clarinetto Basso in Si. b
Saxofono Soprano in Si. b
1º Saxofono Contralto in Mi. b
2º Saxofono Contralto in Mi. b
Saxofono Tenore in Si. b
Saxofono Baritono in Mi. b
Saxofono Basso in Si. b
Contrabasso ad ancia
1º Contrabasso a corda
2º Contrabasso a corda
1º Corno
2º Corno
3º Corno
4º Corno
1º Cornetta in Si. b
2º Cornetta in Si. b
1º Tromba in Fa.
2º Tromba in Fa
1º Tromba in Si. b Basso
2º Tromba in Si. b Basso
1º Trombone Tenore in Si. b
2º Trombone Tenore in Si. b
Trombone Basso in Fa
Trombone Contrabasso in Si. b
Flicorno Sopranino
1º Flicorno Soprano
2º Flicorno Soprano
1º Flicorno Contralto
2º Flicorno Contralto
1º Tenore
2º Tenore
1º Basso
2º Basso
Flicorno Basso Grave in Fa.
Flicorno Basso Grave in Mi. b
Flicorno Basso Grave in Si. b
Timpani
Tamburro
Gran Cassa
Piatti
Campane

*Figura 2: Eżempju ta' strumentazzjoni li kienet tintuża lejn nofs is-seklu dsatax*

Eb Clarinet
Bb Clarinet
Alto Saxophone
Horns
Trombones
Euphoniums
Basses
Snare Drum
Cymbals
Bass Drum

*Figura 3: Strumentazzjoni aktar sempliċi użata lejn l-aħħar tas-seklu għoxrin*

Wieħed jista' jinnota wkoll li baned barranin għadhom jużaw strumenti li aħna hawn Malta ma għadniex nużaw. (Andrew Coleiro)

Il-baned militari Brittaniċi li kienu residenti f'Malta ħallew bla dubju ta' xejn l-influwenza mużikali tagħhom fit-tradizzjoni tal-banda f'Malta. Eżempju ta' dan nistgħu narawh anke minn diversi kompożizzjonijiet, b'mod partikolari fil-marċi, li kienu aktar fuq stil militari. Dan narawh evidenti f'diversi kompożizzjonijiet għall-ħabta tal-1920. Fil-preżent, l-influwenza Ingliża kienet osservata minn diversi persuni

li għandhom esperjenza fil-banda Maltija.

Wara t-tmeninijiet insibu diversi baned militari Brittaniċi miġjuba sabiex jagħmlu diversi kunċerti u master classes. Dawn il-baned li qegħdin insemmu ġabu magħhom diversi strumenti ġodda, bħad-drum kit, li ġew introdotti fl-istrumentazzjoni. Ir-raba' figura hija Eynsford Concert Band li kienet mistiedna mit-Taqsima Kultura Tal-Ministeru Tal-Affarijiet Barranin Kultura u Żgħażagħ flimkien mal-Għaqda Kulturali Raħal Ġdid u Ħal Tarxien.[8] Dan il-kunċert ġie mtella' t-Tlieta, l-1 ta' April 1986 (ara l-ħames figura). Eżempju ieħor ta' dan narawh fit-8 ta' Awwissu fl-1988 fil-Belt Valletta taħt id-direzzjoni ta' Dewi Jones (ara s-sitt figura).



*Kunċert konġunt ta' Eynsford Concert Band u l-banda ta' Grenadier Guards fil-Pamoja Hall ġewwa Sevenoaks, Kent*



IT-TAQSIMA KULTURA
TAL-MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN,
KULTURA U ZGHAZAGH
FLIMKIEN MA'
L-GHAQDA KULTURALI PAOLA/TARXIEN
TIPPREŻENTA
KUNĊERT
MILL-EYNSFORD CONCERT BAND
FL'ISKOLA TA' RAHAL GDID
IT-TLIETA 1 ta' APRIL 1986

*Eynsford Concert Band*



BRILLIANT BRASS
IN CONCERT
A Performance of
Classical and Contemporary Music
under the direction
of
Mr. Dewi Jones
at
St. John's Square, Valletta
on 8th August, 1988

*Brilliant Brass*

Bla dubju ta' xejn, il-baned militari Brittaniċi ħallew influwenza mużikali fuq diversi kompożituri lokali – li wassal għall-bidla fil-ħoss ta' kif bdew jinstemgħu l-baned f'Malta minħabba bdil fl-istrumentazzjoni u r-repertorju. Il-kompożitur popolari Malti Andrew Coleiro jeħodna lura fiż-żmien u jirrakkonta li:

> Jiena kelli x-xorti li meta kont fil-banda militari (dak iż-żmien R.M.A. u wara saret tissejjaħ Forzi Armata ta' Malta) kont indoqq ma' bandisti barranin Ingliżi u magħhom kien hemm minn Wales u anke bandisti mill-Iskozja. Dawn il-bandisti kienu jiġu jdoqqu magħna fil-baned lokali. Meta kont nitkellem magħhom kienu jgħiduli li l-marċ Malti huwa ta' strapazz ħafna għax twil iktar minn dawk li mdorrijin idoqqu huma (marċi militari). (Andrew Coleiro)

Hoss tipiku li wieħed jinnota minn diversi baned Maltin huwa dak ta' żbilanċ fl-istrumentazzjoni. Fil-fatt meta l-istrumentazzjoni ma tkunx bilanċjata, il-banda se tinstemax differenti minn kif suppost. In-nuqqas ta' intunazzjoni f'diversi strumenti fil-baned f'Malta jikkaġunaw ħsejjes strambi. Karattru interessanti f'ħafna mill-bandisti Maltin huwa li huma kkunsidrati bħala mużiċisti tajbin f'sight reading (jiġifieri li taqra u ddoqq il-mużika mill-ewwel darba li taraha). Però, ħafna drabi jiġri illi dak li jkun kiteb il-kompożitur ma jindaqqx kif kien oriġinarjament maħsub. Dawn il-fatturi li forsi wieħed jarahom bħala nuqqas ta' attenzjoni jew professjonalità, iwasslu sabiex jinħoloq ħoss partikolari - huwa dak il-ħoss li sar sinonimu mat-tradizzjoni tal-baned f'Malta. Mauro Farrugia u Andrew Coleiro jindirizzaw din il-problema billi jikkummentaw illi:

> Kultant nittama li l-barranin jisimgħuh bil-widnejn laxki li drajna fihom aħna iżda sfortunatament mill-ħafna kummenti ta' udjenzi barranin li jisimgħu il-baned tagħna jikkumentaw dwar ... il-bilanċi bejn l-istrumenti u l-intunazzjoni (Mauro Farrugia)
>
> Jibqa' żgur il fatt li l-baned tagħna meta jkunu jdoqqu fit-toroq, speċjalment fil-festi, ma jkunx hemm dixxiplina mużikali u dak li jrid il-kompożitur ħafna drabi jiġi injorat u kulħadd idoqq dak li ma hemmx miktub. (Andrew Coleiro)

Il-fenomenu tal-ħoss tal-baned Maltin huwa wieħed interessanti ħafna, u li bla dubju ta' xejn wieħed għandu jindirrizza l-fatturi kollha ta' x'wassal sabiex jinstema' ħoss awtentiku Malti. Għaldaqstant, wieħed seta' jinnota kemm il-formazzjoni tal-baned f'Malta kienet assistita minn diversi barranin li bl-attivitajiet tagħhom dejjem żiedu karattri mużikali li għadna ngawduhom sal-lum il-ġurnata. Dan il-vjaġġ mużikali li t-tradizzjoni tal-banda f'Malta mxiet matul żminijiet differenti wassal sabiex illum il-ġurnata l-ħoss totali jagħmlu partikolari, intriganti u sinifikanti – dak li jirrappreżenta l-kultura Maltija.

## Referenzi


Badger, G. Percy. 1869. *Malta And Gozo* (Malta: P. Calleja)

Chris Gibson u John Connell. 2005. *Music and Tourism: On the Road Again* (Channel View Publications: Animprint of Multilingual Matters Ltd)

Friggieri, Oliver. 1979. *Storja tal-Letteratura Maltija: Il-Poeżija mill-Bidu sa Dun Karm* (Valletta: Pubblikazzjoni Klabb Kotba Maltin)

Ciantar, Peter Paul. *Il-Baned f'Malta* [korrispondenza b'e-mail]. It-Tnejn, 13 ta' Marzu 2017 4:00pm

Sciberras, Ray. *Il-Baned f'Malta* [korrispondenza b'e-mail]. L-Erbgħa, 17 ta' Mejju 2017 3:00pm

Coleiro, Andrew. *Il-Baned f'Malta* [korrispondenza b'e-mail]. L-Erbgħa, 29 ta' April 2017 9:00am

Farrugia, Mauro. *Il-Baned f'Malta* [korrispondenza b'e-mail]. Il-Ħamis, 27 ta' April 2017 10:00am

Vella Bondin, Joseph. *Il-Baned f'Malta* [korrispondenza b'e-mail]. It-Tnejn, 3 ta' Marzu 2017 11:00am

Vella Gregory, Alex. *Il-Baned f'Malta* [korrispondenza b'e-mail]. Il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2017 3:00pm


## Noti

1 Malta adattat sistema Ingliża fl-edukazzjoni, fil-leġiżlazzjoni u fl-amministrazzjoni.

2 Eżempju ta' dan insibu żfin b'meter ta' 7/8 u fl-istess waqt ikantaw b'meter ta' 4/4.

3 Il-baned Maltin jistgħu ġeneralment jissejħu baned sinfoniċi għax jinkludu wkoll strumenti tan-nifs (li jinkludi s-sassofoni).

4 Len Tyler serva bħala surmast ta' banda militari Ingliża. Interessanti illi Tyler kien wieħed mill-aħħar bandisti militari Ingliżi li kienu residenti hawn Malta. Alex Vella Gregory, kompożitur popolari Malti li huwa attiv bil-kompożizzjonijiet tiegħu. Ray Sciberras huwa sinonimu bil-kompożizzjonijiet għall-banda f'Malta.

5 Materjal meħud minn: Oxford Dictionaries | English. (2017). *time - definition of time in English | Oxford Dictionaries.* [online] Jinstab https://en.oxforddictionaries.com/definition/time [Aċċessat 25 ta' Mejju 2017].

6 Ritratt meħud minn http://asmvpiedimonte.altervista.org/Vessella_Alessandro/Vessella_Alessandro.html

7 Friggieri (1979: 37) jinnota li dawn ir-refuġjati stabbilixxew skejjel privati ġodda, filwaqt li oħrajn bdew jgħallmu l-letteratura, b'attenzjoni speċjali għal Dante.

8 Fis-sit uffiċjali ta' din il-banda tgħid illi: "Eynsford Concert Band has gained an international reputation having toured Austria, Canada, Cyprus, Czech Republic, Ireland, Netherlands, Malta, Spain and Belgium as well as playing aboard cruise ships in the Fjords of Norway and the Mediterranean where we provided the on-board entertainment". Għal aktar informazzjoni ara http://www.eynsfordconcertband.co.uk/about/